IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
COM(2023) 512 final

2023/0311 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 305 final} - {SWD(2023) 289 final} - {SWD(2023) 290 final} - {SWD(2023) 291 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Unjoni Ewropea (UE) hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (il-Karta).

Id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fl-Unjoni Ewropea huwa wieħed mill-aktar kisbiet apprezzati tal-UE, u xprunatur importanti tal-ekonomija tagħha.

L-UE u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD). L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom. Il-UNCRPD fiha obbligi għall-Istati Partijiet biex jirrikonoxxu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għal-libertà tal-moviment fuq bażi ugwali ma' oħrajn. L-Istati Partijiet huma mitluba wkoll jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw il-mobbiltà personali bl-akbar indipendenza possibbli għall-persuni b'diżabilità, inkluż billi jiffaċilitaw il-mobbiltà personali tal-persuni b'diżabilità bil-manjiera u fil-ħin tal-għażla tagħhom, u bi spiża affordabbli.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017[1], jipprovdi li kulħadd, irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u għal opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà (il-prinċipju 17). Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirreferi għal ostakli sinifikanti li l-persuni b'diżabilità għadhom jiffaċċjaw, li huma indirizzati ulterjorment fl-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030.

Persuni b'diżabilità li l-istatus ta' diżabilità tagħhom huwa vvalutat u rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru spiss jingħataw kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fl-aċċess għal varjetà ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta dawn jiġu pprovduti mhux bi ħlas f'dak l-Istat Membru, u irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn operaturi privati, abbażi ta' regoli/obbligi legali nazzjonali jew lokali, u spiss ipprovduti fuq bażi volontarja (b'mod partikolari minn operaturi privati).

L-aktar kundizzjonijiet speċjali komuni jew trattament preferenzjali huma offruti jew ipprovduti fir-rigward tat-trasport pubbliku u privat, l-ispazji tal-parkeġġ, l-avvenimenti kulturali (eż. il-mużewijiet), iċ-ċentri jew is-servizzi ta' divertiment u sportivi, il-parks ta' divertiment, u t-turiżmu. Dawn jistgħu jikkonsistu f'aċċess liberu, tariffi mnaqqsa, miżati jew ħlasijiet mill-utent mnaqqsa għat-toroq/il-pontijiet/il-mini bin-nollijiet, aċċess prijoritarju, assistenza personali, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi tal-awdjo), forniment ta' għajnuniet, parkeġġ estiż jew fi spazji (tal-ipparkjar) riżervati[2]. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jassistu lill-persuni b'diżabilità jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew jingħataw post bilqiegħda, fejn

[1] Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

[2] Ara għal aktar eżempji l-Anness 6.4 Immappjar tas-servizzi li jipprovdu kundizzjonijiet preferenzjali fl-UE, Valutazzjoni tal-Impatt, SWD(2023) 289.

ikun prattiku ħdejn il-persuna b'diżabilità jew il-persuna b'mobbiltà mnaqqsa[3]. Trattament preferenzjali u kundizzjonijiet speċjali jiġu offruti wkoll meta jiġu aċċessati attivitajiet jew faċilitajiet ipprovduti mingħajr ħlas.

Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom li jivjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jaċċessaw kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offruti jew ipprovduti fl-Istat Membru li jkunu qed iżuru, spiss minħabba nuqqas ta' rikonoxximent tal-kard jew taċ-ċertifikat tad-diżabilità tagħhom maħruġa mill-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

Flimkien ma' ostakli fiżiċi u oħrajn fl-aċċess kemm għall-ispazji pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, l-ispejjeż għoljin tal-ivvjaġġar huma fattur ewlieni li jiskoraġġixxi lil ħafna persuni b'diżabilità milli jivvjaġġaw[4], minħabba li għandhom ukoll ħtiġijiet speċifiċi li jagħmlu l-kostijiet tal-ivvjaġġar tagħhom ogħla milli għal persuni mingħajr diżabilità[5]. L-istħarriġ tal-Eurostat dwar persuni li ma jipparteċipawx fit-turiżmu jikkonferma għall-popolazzjoni ġenerali li r-raġunijiet finanzjarji huma argument ewlieni għan-nuqqas ta' vjaġġar, u jindika li 44,83 % tal-popolazzjoni totali ma pparteċipatx fit-turiżmu "għal raġunijiet finanzjarji" fl-2019[6]. Il-persuni b'diżabilità għandhom riskju ogħla ta' faqar mill-persuni mingħajr diżabilità. Fil-livell tal-UE, madwar 21,1 % tal-persuni b'diżabilità li għandhom 16-il sena jew aktar kienu f'riskju ta' faqar fl-2021, meta mqabbla ma' 14,9 % tal-persuni mingħajr diżabilità. Il-perċentwal għall-persuni kollha li għandhom 16-il sena jew aktar kien ta' 16,4 %.

Il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-inċertezza legali u l-kostijiet addizzjonali potenzjali tista' xxekkel il-possibbiltajiet tal-persuni b'diżabilità li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu b'mod sħiħ u effettiv.

Barra minn hekk, għal ħafna persuni b'diżabilità, it-trasport bil-karozza privata huwa l-aħjar jew l-unika possibbiltà li wieħed imur minn post għall-ieħor b'mod indipendenti. Il-possibbiltà li jipparkjaw kemm jista' jkun qrib id-destinazzjoni tagħhom u d-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' parkeġġ riżervat jew estiż għall-persuni b'diżabilità huma kruċjali fl-appoġġ tal-awtonomija tagħhom u jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-moviment liberu. Il-kard għall-parkeġġ tal-UE għall-persuni b'diżabilità nħolqot permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi mudell/format standardizzat u komuni tal-UE fl-1998[7] u hija waħda mill-kisbiet l-aktar viżibbli u importanti tal-politika tal-UE dwar id-diżabilità. Din tintuża b'mod mifrux mill-Istati Membri kollha. Madankollu, minkejja dan, id-detenturi tal-kards qed jiffaċċjaw diffikultajiet meta jużaw il-mudell standardizzat tal-kard għall-parkeġġ tal-UE għal

---

3 Ara pereżempju l-Artikolu 23(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1).

4 Sejbiet mir-Rapport Finali bbażati fuq Stħarriġ immirat lejn l-OSĊ fil-livell tal-UE; Shaw u Coles, "Disability, holiday making and the tourism industry in the UK: a preliminary survey", 25(3) Tourism Management (2004) 397-403; Eugénia Lima Devile u Andreia Antunes Moura (2021), Travel by People With Physical Disabilities: Constraints and Influences in the Decision-Making Process.

5 McKercher u Darcy (2018), Re-conceptualizing barriers to travel by people with disabilities, Tourism Management Perspectives, 59-66.

6 Il-bażi tad-*data* tal-Eurostat, tour_dem_npsex. Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tour_dem_npsex/default/table?lang=mt. L-2019 kienet l-aħħar sena disponibbli għal din l-informazzjoni.

7 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (98/376/KE), ĠU L167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43,7.3.2008).

persuni b'diżabilità, bħal inċertezzi dwar id-drittijiet mogħtija u rikonoxximent limitat tal-kard meta jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra, kif ukoll li jiġu imposti multi anke meta tintwera l-kard għall-parkeġġ tal-UE jew meta titqiegħed fejn tidher. Barra minn hekk, id-differenzi nazzjonali fil-format u d-disinn kif ukoll l-implimentazzjoni tal-kard għall-parkeġġ tal-UE għall-persuni b'diżabilità jfixklu l-użu tagħha, iżidu l-inċertezza (legali), u jwasslu għal riskji ta' falsifikazzjoni jew azzjonijiet frawdolenti, kif ukoll għal kwistjonijiet ta' infurzar[8].

Għalhekk, din l-inizjattiva tistabbilixxi l-qafas, ir-regoli, u kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova ta' status ta' diżabilità rikonoxxuta u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ u l-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità ("drittijiet tal-parkeġġ"). L-għan tal-inizjattiva huwa li tappoġġa l-aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali fl-Istati Membri kollha għad-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, u rispettivament, għall-kundizzjonijiet u għall-faċilitajiet tal-parkeġġ.

Ir-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandhom jiffaċilitaw u jiggarantixxu l-eżerċizzju minn persuni b'diżabilità, meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, tad-drittijiet tagħhom li jirċievu u li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut mill-operaturi privati jew mill-awtoritajiet pubbliċi biex jaċċessaw servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll aċċess għall-kundizzjonijiet u għall-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza, fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti abbażi ta' ċertifikati nazzjonali, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ospitanti.

L-istabbiliment ta' qafas ta' regoli u kundizzjonijiet komuni kemm għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità kif ukoll għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità se jgħin biex tiġi żgurata parteċipazzjoni u inklużjoni aktar effettivi u inklużivi fis-soċjetà tal-persuni b'diżabilità.

Il-proposta għall-ħolqien ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030[9]:

"Il-Kummissjoni se tipproponi l-ħolqien ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità sa tmiem l-2023 bil-għan li din tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha. Din se tibni fuq l-esperjenza tal-proġett pilota tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE li għaddej fi tmien Stati Membri u fuq il-kard Ewropea għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità."

L-intenzjoni li tiġi ppreżentata proposta dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità ġiet stabbilita wkoll fil-Komunikazzjoni dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – *Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta*[10] u ssemmiet mill-President von der Leyen fil-kuntest tad-diskors tagħha

8 Ara għal aktar informazzjoni l-Anness 6.3 "Analiżi tal-implimentazzjoni tal-Karta tal-UE għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità" tal-Valutazzjoni tal-Impatt, SWD(2023) 289.

9 COM (2021) 101

10 COM(2022) 404 final, 17.6.2022, Anness, pt. 5 Valuri u drittijiet, stat tad-dritt u sigurtà.

dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022[11]. L-inizjattiva hija parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2023 – *Unjoni soda u magħquda*[12].

Il-Parlament Ewropew talab li tiġi stabbilita l-Kard fi tliet riżoluzzjonijiet. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità wara l-2020[13], huwa talab lill-Kummissjoni tespandi l-proġett pilota eżistenti tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE u tiżgura li l-kard għall-parkeġġ tal-UE għall-persuni b'diżabilità tiġi osservata bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha. Il-Parlament Ewropew laqa' l-pjan li tiġi ppreżentata inizjattiva dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità li għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha, bil-għan li jiżdiedu l-proġetti pilota għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-mudell tal-kard għall-parkeġġ tal-UE għall-persuni b'diżabilità fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar il-protezzjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-petizzjonijiet[14]. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022 lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità[15], huwa saħaq favur inizjattiva legalment vinkolanti u ambizzjuża, li tkopri firxa ta' oqsma differenti lil hinn mill-kultura, id-divertiment u l-isport.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta wkoll opinjoni esploratorja ta' appoġġ[16] fir-rigward tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, filwaqt li rrikonoxxa fir-rigward tal-Kard tal-UE għall-Parkeġġ l-importanza li tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni li tarmonizza l-karatteristiċi, il-ħruġ ta' proċeduri u l-funzjonament tagħha.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva tibni fuq żewġ strumenti eżistenti.

Fir-rigward tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità, il-proposta tibni fuq il-**proġett pilota** relatat li jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-Istati Membri kollha u li jkopri firxa usa' ta' oqsma ta' politika differenti, mhux biss is-servizzi, iżda wkoll l-attivitajiet u l-faċilitajiet, inkluż meta pprovdut mhux għal remunerazzjoni. Il-proġett pilota twettaq fuq bażi volontarja fi tmien Stati Membri (il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, u s-Slovenja) fl-2016–2018 u baqa' fis-seħħ wara t-tmiem tal-proġett. Il-proġett pilota pprovda format komuni għal kard għar-rikonoxximent reċiproku fuq bażi volontarja fost it-tmien Stati Membri parteċipanti tal-istatus ta' diżabilità (kif stabbilit f'konformità mal-kriterji, ir-regoli, il-prattiki u l-proċeduri nazzjonali rispettivi tagħhom), għall-aċċess għall-benefiċċji u s-servizzi fl-oqsma tal-kultura, id-divertiment, l-isport u, f'xi pajjiżi, it-trasport[17], meta jivvjaġġaw lejn wieħed mill-pajjiżi parteċipanti. Il-forniturі nazzjonali tas-servizzi f'dawn is-setturi jistgħu jaderixxu volontarjament mal-iskema tal-kard. Il-pakkett ta' benefiċċji pprovdut f'kull Stat Membru ddependa fuq in-numru u t-tip ta' forniturі ta' servizzi parteċipanti. Ladarba jissieħbu fl-iskema tal-kard, il-forniturі tas-servizzi kienu obbligati joffru l-istess benefiċċji li jipprovdu lil ċittadini b'diżabilità wkoll lid-detenturi tal-kards minn Stati Membri parteċipanti oħra. L-Istati Membri kellhom iżommu rekord tas-servizzi li jaderixxu mas-sistema u jaġġornawha regolarment.

---

11 L-Istat tal-Unjoni Ewropea 2022, Ittra ta' Intenzjoni, 14 ta' Settembru 2022

12 COM (2022) 548 final, 18.10.2022, Anness 1 pt. 43 taħt l-intestatura "Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea"

13 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0156_MT.html

14 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0414_MT.pdf

15 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0435_MT.html

16 SOC/765, 27/04/2024

17 Trasport privat (CY, FI u MT) jew trasport pubbliku (FI u SI)

Il-Proġett Pilota tal-UE wera b'mod ċar il-vantaġġi għall-persuni b'diżabilità fl-aċċess għas-servizzi fl-oqsma tal-kultura, id-divertiment, l-isport, u, f'xi każijiet it-trasport, u fl-appoġġ tal-moviment transfruntier tagħhom fl-UE għal perjodu qasir. Barra minn hekk, l-istudju tal-2021 li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar il-Kard tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati[18] kkonferma l-valur miżjud tal-UE tal-kard u kkonkluda li hemm potenzjal għal azzjoni fuq skala akbar.

Meta mqabbel mal-proġett pilota (li elenka l-erba' setturi koperti u inklużi fuq il-listi (nazzjonali) elaborati ta' "forniturі parteċipanti" f'bażi ta' *data* pubblika), ir-raġunament/il-loġika sottostanti ta' din il-proposta leġiżlattiva huma differenti. Billi tipprevedi r-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Istati Membri kollha, din il-proposta leġiżlattiva għandha l-għan li tagħti lid-detenturi tal-kards li jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew li jkunu qed iżuru Stat Membru ieħor, aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għall-kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali eżistenti fir-rigward ta' varjetà kbira ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas. Dan l-approċċ għandu jnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv fil-proġett pilota għall-Istati Membri relatat mal-ħtieġa li jinżammu u jiġu aġġornati bażijiet tad-*data* tal-forniturі tas-servizzi li jaċċettaw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

Għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, l-inizjattiva se tissostitwixxi s-sistema stabbilita bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE[19] li pprevediet mudell Ewropew volontarju ta' kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kard għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri. Żidiet jew devjazzjonijiet nazzjonali speċifiċi mill-mudell irrakkomandat wasslu għal proliferazzjoni ta' kards differenti[20], li jfixklu r-rikonoxximent transfruntier tagħhom kif ukoll l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet u faċilitajiet speċjali ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità li għandhom kard għall-parkeġġ "lokali". Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi fit-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni, jew biex tgħin lill-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw problemi ta' frodi u falsifikazzjoni tal-kards biex jindirizzawhom.

Il-proposta se tipprovdi r-regoli u l-kundizzjonijiet komuni li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-mudell komuni tagħha li għandu jiġi applikat mill-Istati Membri kollha li jissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ nazzjonali multipli eżistenti.

Barra minn hekk, bil-ħsieb li jiġi ggarantit trattament ugwali maċ-ċittadini tal-UE, hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq att legali separat li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

---

18 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/4adbe538-0a02-11ec-b5d3-01aa75ed71a1/language-mt

19 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (98/376/KE), ĠU L167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2008/205/KE minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, ĠU L 63/43, 7.3.2008.

20 Ara għal aktar informazzjoni l-Anness 6.3 "Analiżi tal-implimentazzjoni tal-Karta tal-UE għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità" tal-Valutazzjoni tal-Impatt, SWD(2023) 289.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tagħmilha aktar faċli għall-persuni b'diżabilità, meta jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru ieħor, biex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali disponibbli meta jaċċessaw servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, taħt kundizzjonijiet ugwali għar-residenti b'diżabilità, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu fl-UE.

Fir-rigward tas-servizzi normalment ipprovduti bi ħlas fis-suq intern, din il-proposta tikkomplementa d-Direttiva 2006/123 dwar is-servizzi fis-suq intern[21]. Barra minn hekk, din tikkomplementa l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (id-Direttiva 2019/882)[22] u d-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web (id-Direttiva (UE) 2016/2102)[23] li għandhom l-għan li jeliminaw u jipprevjenu l-ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibbiltà diverġenti fl-Istati Membri.

Il-proposta tikkomplementa u tista' tiffaċilita l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri adottata bejn l-2004 u l-2021 fir-rigward ta' erba' modi ta' trasport: l-avjazzjoni, il-ferroviji, it-trasport bl-ilma, u x-xarabanks u l-kowċis[24]. Din il-leġiżlazzjoni tiggarantixxi lill-passiġġieri b'diżabilità u b'mobbiltà mnaqqsa d-dritt għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport u li jirċievu assistenza mingħajr ħlas u, jekk ikun meħtieġ, l-adattament tas-servizzi tat-trasport għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom biex ikunu jistgħu jużaw l-erba' modi ta' trasport bħal kwalunkwe ċittadin ieħor.

L-inizjattiva hija wkoll konformi mad-Direttiva reċenti (UE) 2022/362[25], li tippermetti lill-Istati Membri jipprevedu tariffi jew imposti għall-utenti għat-toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet aktar baxxi kif ukoll eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu tali tariffi jew imposti għall-utenti għal kwalunkwe vettura użata minn jew proprjetà ta' persuni b'diżabilità fir-rigward ta' toroq soġġetti għal tariffi fuq it-toroq.

Il-proposta se tgħin bl-istess mod biex tiġi appoġġata parteċipazzjoni aktar effettiva u inklużiva fis-soċjetà tal-persuni b'diżabilità kif previst mill-UNCRPD u se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030, peress li l-Għan 8 jinkoraġġixxi politiki li jippromwovu t-turiżmu sostenibbli u l-kultura lokali; L-Għan 10 jimmira li jnaqqas l-inugwaljanzi; u l-għan 11 jimmira li jipprovdi aċċess għal sistemi tat-trasport sikuri, affordabbli, aċċessibbli u sostenibbli għal kulħadd.

Barra minn hekk, il-proposta tipprovdi element kostitwenti ulterjuri għal infrastruttura Ewropea usa' taċ-ċertifikazzjoni diġitali, li tibni fuq l-esperjenza taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u se tgħaqqad mal-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali wara l-adozzjoni tar-Regolament rivedut propost.

---

21 ĠU L376/36, 27.12.2006.

22 Id-Direttiva (UE) 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU L 150/70, 7.6.2019.

23 Id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku.

24 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 150/70, 7.6.2019; Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004; Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004; ir-Regolament (UE) 2021/782 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni). []

25 Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, ĠU L 69/1, 4.3.2022.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta għandha objettivi multipli u interkonnessi li jikkonċernaw diversi oqsma ta' politika, bħas-servizzi, it-trasport, u d-drittijiet għall-moviment liberu. Għalhekk, l-użu ta' bażijiet legali differenti huwa l-aktar mod adegwat u xieraq biex ikopri d-diversi objettivi ta' din l-inizjattiva.

L-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 62 tat-TFUE (dwar is-servizzi normalment ipprovduti bi ħlas fis-suq intern) huma rilevanti, peress li l-proposta se tagħti lid-detenturi tal-kard d-dritt li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet/trattament preferenzjali meta jaċċessaw servizzi fuq bażi ugwali ma' persuni b'diżabilità fl-Istat Membru li jżuru.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċjali u t-trattament preferenzjali biex jiġu aċċessati servizzi fil-qasam tat-trasport, inklużi l-faċilitajiet ta' parkeġġ, l-Artikolu 91 tat-TFUE jipprovdi l-bażi ġuridika meħtieġa. Barra minn hekk, dan l-Artikolu huwa rilevanti wkoll peress li ppermetta l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1998[26] li ħolqot l-iskema volontarja eżistenti tal-kard tal-UE għall-parkeġġ, li se tiġi sostitwita mill-inizjattiva kurrenti.

Sabiex jiġu koperti dawk il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali pprovdut meta jiġu aċċessati l-attivitajiet u l-faċilitajiet li ma jaqgħux fil-kategoriji ta' "servizzi" koperti mill-bażijiet legali l-oħra msemmija hawn fuq, b'mod partikolari dawk l-attivitajiet u l-faċilitajiet mhux previsti għar-remunerazzjoni, l-Artikolu 21(2) tat-TFUE, bħala bażi ġuridika residwa, jipprevedi l-possibbiltà li l-Unjoni Ewropea taġixxi u tadotta dispożizzjonijiet biex tiffaċilita d-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-membri tal-familja, tkun xi tkun in-nazzjonalità, ta' ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu skont ir-regoli tal-Unjoni huma assimilati maċ-ċittadini tal-Unjoni.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-objettivi differenti u interkonnessi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri b'mod indipendenti iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE.

Il-problemi identifikati għandhom dimensjoni transfruntiera li ma tistax tiġi solvuta mill-Istati Membri waħedhom. Il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE hija direttament marbuta mal-ivvjaġġar transfruntier u mal-isfidi relatati li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità fl-UE, u għalhekk hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ikkoordinat fost l-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fuq termini u kundizzjonijiet ugwali mad-detenturi ta' kard jew ċertifikat tad-diżabilità maħruġa mill-pajjiż li jkunu qed iżuru.

In-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE x'aktarx jirriżulta fl-adozzjoni ta' sistemi differenti mill-Istati Membri, li jirriżulta f'diffikultajiet kontinwi bir-rikonoxximent tal-kards u ċ-ċertifikati tad-diżabilità, kif ukoll tal-kard għall-parkeġġ tal-UE, bejn il-fruntieri. Jekk l-UE ma tintervjenix, id-differenzi kurrenti fil-kards u fiċ-ċertifikati nazzjonali tad-diżabilità x'aktarx li

[26] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (98/376/KE), ĠU L167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2008/205/KE minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, ĠU L 63/43, 7.3.2008.

jiżdiedu wkoll, u t-trattament differenti ta' persuni b'diżabilità madwar l-Istati Membri jibqa' jew ikompli jiżdied, b'effetti negattivi fuq l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunx previst għal remunerazzjoni, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

L-inizjattiva ma għandhiex l-għan li tarmonizza l-kriterji ta' eliġibbiltà, il-kundizzjonijiet, jew il-proċeduri ta' valutazzjoni biex jinkiseb status ta' diżabilità fi Stat Membru, u għal dan, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti. Għalhekk, din il-proposta ma taffettwax il-kompetenzi tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet u l-proċeduri meta jivvalutaw l-istatus ta' diżabilità għall-finijiet tal-għoti ta' kard Ewropea tad-diżabilità u fir-rikonoxximent tad-dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità u l-ħruġ ta' ċertifikat, kard tad-diżabilità jew tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità, jew kwalunkwe dokument formali ieħor, kemm jekk fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Barra minn hekk, il-proposta ma taffettwax il-kompetenzi nazzjonali biex jiġi ddeterminat jekk tagħtix benefiċċji speċjali jew kundizzjonijiet preferenzjali, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità u, fejn applikabbli, il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom. Il-proposta lanqas ma timponi obbligi fuq l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi dwar jekk jagħtux kundizzjonijiet preferenzjali. Tiżgura biss li meta jingħataw tali kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali, dawn għandhom ikunu disponibbli fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għall-persuni kollha b'diżabilità li huma detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u li l-informazzjoni f'dak ir-rigward issir disponibbli f'formati aċċessibbli bl-użu tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2019/882.

- **Proporzjonalità**

Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-forma u l-kontenut tal-proposta ma jaqbżux jew ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħqu l-objettivi varji u interkonnessi tagħha.

Huma stabbiliti regoli ġenerali komuni u format/mudell standardizzat komuni għaż-żewġ kards. Madankollu, filwaqt li jitqiesu d-differenzi, iċ-ċirkostanzi u l-prattiki nazzjonali, il-valutazzjoni tal-istatus tad-diżabilità nnifsu, l-istabbiliment tal-proċeduri meħtieġa għall-ħruġ tal-kards u d-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet speċjali jew tat-trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità fl-aċċess għas-servizzi, għall-attivitajiet u għall-faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni, jitħallew f'idejn l-Istati Membri, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mid-dritt tal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-bażijiet ġuridiċi identifikati, b'mod partikolari l-Artikoli 53(1) u 62, flimkien mal-Artikolu 91 tat-TFUE, u l-Artikolu 21(2) tat-TFUE, Direttiva titqies bħala l-istrument xieraq, proporzjonat, u effettiv biex jintlaħqu l-objettivi differenti u interkonnessi tal-inizjattiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'Lulju 2022 ġie stabbilit grupp ta' tmexxija interservizz dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u dan kien involut b'mod attiv fit-tħejjija tal-inizjattiva, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt tagħha.

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, ġiet ikkonsultata firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati internazzjonali, tal-UE u nazzjonali, jiġifieri (i) dawk b'interess fil-kwistjoni (eż., l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, il-fornituri tas-servizzi, l-NGOs; (ii) benefiċjarji potenzjali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (eż., persuni b'diżabilità, assistenti personali); u (iii) esperti (eż., riċerkaturi, konsulenzi u konsulenti, organizzazzjonijiet internazzjonali).

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kienet tinkludi: (a) konsultazzjoni pubblika, (b) intervisti strateġiċi u (c) immirati, (d) stħarriġ online mmirat, (e) tliet workshops online, (f) sitt gruppi fokali ma' forniturі ta' servizzi minn Stati Membri magħżula u (g) sitt studji tal-każijiet. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jibagħtu wkoll kummenti dwar (h) is-sejħa għall-evidenza tal-Kummissjoni[27].

Il-maġġoranza tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġew organizzati minn kuntrattur estern bħala parti minn studju li jappoġġa t-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, li huma membri tal-Pjattaforma tad-Diżabilità. Id-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Pjattaforma u s-sottogrupp speċifiku tagħha dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità kienu kruċjali biex jinkiseb feedback ħalli tiġi rfinata l-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ u l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità hija akkumpanjata minn rapport tal-valutazzjoni tal-impatt[28], li abbozz tiegħu ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) fil-21 ta' Ġunju 2023. L-RSB ta opinjoni pożittiva b'riżervi fid-19 ta' Lulju 2023. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie rivedut f'konformità mas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord. Ġew indirizzati wkoll il-kummenti tekniċi aktar dettaljati tal-RSB.

It-tfassil tal-għażliet u d-deċiżjoni li jiġu mwarrba ċerti għażliet huma bbażati b'mod qawwi fuq l-esperjenza miksuba taħt il-proġett pilota tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u fuq l-esperjenza tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE tal-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, flimkien mal-feedback tal-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri.

L-għażla li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jingħaqdu f'kard waħda ġiet ikkunsidrata u mbagħad twarrbet minħabba nuqqas ta' fattibbiltà prattika u teknika[29]. Iż-żewġ kards għandhom kriterji ta' eliġibbiltà, proċedura/i

---

[27] Għal aktar dettalji ara: ir-Rapport sommarju tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, l-Anness 2 tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-impatt, SWD (2023) 289.

[28] SWD (2023) 289.

[29] Dwar l-għażla li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ tingħaqad mal-Karta Ewropea l-ġdida tad-Diżabilità, l-opinjonijiet ivarjaw. Hemm kunsens qawwi fost l-Istati Membri u anke l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw persuni b'diżabilità li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ma għandhiex tingħaqad

ta' ħruġ, ambitu u użu differenti. Mhux id-detenturi kollha ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jkunu detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati indikaw li t-tagħqid taż-żewġ kards jillimita l-possibbiltà li l-persuni b'diżabilità jużaw iż-żewġ kards simultanjament. Fil-prattika, il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ tipikament titħalla u tintwera fil-vettura, filwaqt li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità jeħtieġ tibqa' għand id-detentur tal-kard. Għalhekk il-partijiet ikkonċernati qiesu li għandhom jinżammu bħala żewġ kards distinti.

Il-valutazzjoni qieset l-għażliet ta' politika li għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità fl-UE fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi meta wieħed iżur Stat Membru (A) ieħor, u li jiffaċilitaw l-użu u ċ-ċertezza legali fl-użu tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (B), li, meħuda flimkien, jindirizzaw l-isfidi identifikati.

Diversi għażliet oħra bħal arranġamenti volontarji[30], il-kopertura biss ta' għażla ta' servizzi[31], l-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet u l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-valutazzjoni tal-istatus tad-diżabilità[32] jew l-armonizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-kards rilevanti fil-livell tal-UE[33], twarrbu wkoll.

L-għażla ppreferuta hija taħlita tal-għażla ta' politika A2 (mudell obbligatorju tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Istati Membri kollha għall-ivvjaġġar li jkopri s-setturi kollha tas-servizzi) mal-għażla B2 (mudell obbligatorju tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità).

L-għażla ta' politika A2 hija l-aktar effettiva biex tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi meta jkunu qed iżuru Stat Membru ieħor, peress li tipprevedi l-ħolqien tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE, li għandha tintuża preċiżament għal dak il-għan u li tista' tiġi rikonoxxuta faċilment madwar l-Istati Membri. Il-Kard telimina l-inċertezza kemm għall-fornituri ta' servizzi li attwalment iridu jivverifikaw l-istatus ta' diżabilità tal-klijenti kif ukoll għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stati Membri oħra.

L-għażla ta' politika B2 hija l-aktar effettiva biex tiffaċilita r-rikonoxximent tal-kard tal-UE għall-parkeġġ. Bħala strument leġiżlattiv vinkolanti, dan jagħmel obbligatorju r-rekwiżiti minimi tal-mudell komuni tal-kard tal-UE għall-parkeġġ u l-format u l-karatteristiċi tas-sigurtà tagħha. Il-format aktar omoġenu u uniformi tal-kards għall-parkeġġ nazzjonali jnaqqas l-inċertezza marbuta mar-rikonoxximent tagħhom għall-persuni b'diżabilità, u jagħmlilhom ħajjithom eħfef meta jivvjaġġaw bil-karozza fl-UE. Dan jippermetti lid-detenturi tal-kards jivvjaġġaw bil-karozza, mingħajr l-inċertezza li l-kard għall-parkeġġ tagħhom tista' ma tkunx rikonoxxuta barra minn pajjiżhom. Dan iwassal ukoll għal iffrankar tal-kostijiet għall-persuni kkonċernati, minħabba li jkunu jistgħu jużaw slots tal-parkeġġ pubbliċi riżervati għal persuni b'diżabilità.

---

mal-KED il-ġdida. B'kuntrast għal dan, ir-rispondenti individwali fil-konsultazzjoni pubblika qablu li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għandha tiġi inkorporata fil-KED il-ġdida, fejn possibbilment gerfxu "karta waħda" ma' "strument legali uniku".

30 Dan jimplika li jiddaħħlu devjazzjonijiet addizzjonali fil-format standard (fiżiku u/jew diġitali) tal-Karta maż-żmien u diffikultajiet assoċjati għar-rikonoxximent u l-użu tagħha, kif ukoll inċertezza għolja għall-persuni b'diżabilità.

31 Dan jinvolvi piż amministrattiv kbir u ma jindirizzax il-kwistjoni ewlenija tat-trattament ugwali tal-persuni b'diżabilità, irrispettivament minn fejn tiġi vvalutata d-diżabilità tagħhom,

32 Dan imur lil hinn mill-kompetenza tal-UE.

33 Idem.

It-taħlita ppreferuta ta' għażliet ta' politika hija mistennija li jkollha impatti soċjali pożittivi u impatti pożittivi qawwija fuq l-iżgurar tad-drittijiet fundamentali fl-UE (b'mod partikolari d-dritt għall-moviment liberu, in-nondiskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità). L-impatt ambjentali tal-għażliet ta' politika kkombinati x'aktarx li jkun żgħir u insinifikanti fid-daqs, filwaqt li jkun jinvolvi impatti diġitali pożittivi limitati. L-għażliet ta' politika ppreferuti ma humiex mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività u l-SMEs u l-kostijiet amministrattivi mistennija għan-negozji se jkunu marġinali[34].

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta se tħalli impatt pożittiv[35] fuq bosta drittijiet rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Billi titnaqqas l-inċertezza dwar ir-rikonoxximent tal-kards tad-diżabilità u tal-kards għall-parkeġġ madwar l-UE, dan se jiffaċilita l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-libertà ta' moviment minn persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor għajr dak li fih jirrisjedu (l-Artikolu 45 tal-Karta).

Li jkollhom aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali offrut lil persuni b'diżabilità għal servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru ieħor għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali tagħhom, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja tal-komunità (l-Artikolu 26 tal-Karta).

Il-proposta tikkontribwixxi għall-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u ugwaljanza fl-aċċess għas-servizzi (l-Artikolu 21 tal-Karta). Li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali jew minn trattament preferenzjali jew minn kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fl-Istati Membri kollha fuq bażi ugwali mar-residenti li huma persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxuti f'dak il-pajjiż, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza, huma fatturi importanti li jiddeterminaw l-għażla tagħhom li jużaw tali servizzi.

L-istabbiliment ta' qafas ta' regoli u kundizzjonijiet komuni kemm għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità kif ukoll għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità se jgħin ukoll biex jippromwovi, jipproteġi u jiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u jippromwovi r-rispett tad-dinjità inerenti tagħhom. Min-naħa tiegħu, dan se jiżgura parteċipazzjoni aktar effettiva u inklużiva fis-soċjetà tal-persuni b'diżabilità kif previst mill-UNCRPD.

Din il-proposta timplika l-ipproċessar ta' data personali, b'mod partikolari d-data dwar l-istatus ta' diżabilità tad-detentur tal-kard. L-ipproċessar tad-*data* personali ta' individwi, inklużi l-ġbir, l-aċċess għad-data personali u l-użu tagħha, jaffettwa d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tal-Karta. L-interferenza ma' dawn id-drittijiet fundamentali hija meħtieġa u ġenwinament tissodisfa l-objettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mil-liġi tal-Unjoni.

---

[34] Għal aktar dettalji ara: Kapitolu 6 "X'inhuma l-impatti tal-għażliet ta' politika?" u l-Anness 5: Verifika tal-kompetittività tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt, SWD(2023) 289.

[35] Minħabba n-nuqqas ta' *data* diżaggregata, sfortunatament ma huwiex possibbli f'dan l-istadju li jitkejjel kwalunkwe impatt fuq il-ġeneru.

Fir-rigward tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, l-awtoritajiet tal-Istati Membri li joħorġu l-kards se jkunu l-kontrolluri tad-*data*. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, meta jimplimentaw din id-Direttiva, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom tipprevedi salvagwardji xierqa applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali, b'mod partikolari *data* personali li tikkonċerna l-istatus ta' diżabilità tad-detentur tal-kard, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]. L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw ukoll is-sigurtà, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. Jistgħu jiġu previsti aktar miżuri ta' sigurtà għad-*data* personali permezz ta' att ta' implimentazzjoni, meta jiġu stabbiliti l-karatteristiċi diġitali u l-format diġitali. Għall-finijiet tad-Direttiva proposta, id-*data* personali jeħtieġ li tiġi pprovduta biss fil-kard fiżika u, ladarba l-format u l-ispeċifikazzjonijiet tagħha jkunu ġew stabbiliti, għandha tiġi inkluża fil-kard diġitali maħruġa.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta għandha implikazzjonijiet baġitarji limitati ħafna għall-baġit tal-UE. L-uniċi kostijiet operazzjonali huma relatati mal-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-kumitati u tal-gruppi ta' esperti, kif ukoll mal-appoġġ għall-kontrolli tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni, jiġifieri approprjazzjoni operazzjonali ta' EUR 0,62 miljun taħt il-linja baġitarja eżistenti, kif ukoll nefqa amministrattiva ta' madwar EUR 0,342 miljun fis-sena. Din in-nefqa se tinvolvi riallokazzjoni interna ta' fondi mingħajr ebda żieda fl-ammont.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

F'każ li l-proposta tiġi approvata, l-Istati Membri se jkollhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ tagħha, lill-korp (jew lill-korpi) maħtur(a) biex joħroġ, iġedded u jirtira l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali kards jew biex il-kards jiġu ddikjarati invalidi.

L-Istati Membri se jkollhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tfassal ir-rapport regolari tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma teħtieġ l-ebda dokument ta' spjegazzjoni għat-traspożizzjoni tagħha fid-dritt nazzjonali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddeskrivi s-suġġett.

L-Artikolu 2 dwar il-kamp ta' applikazzjoni huwa relatat mal-kamp ta' applikazzjoni materjali u jiddeskrivi liema servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta pprovduti mhux

[36] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

għal remunerazzjoni, huma koperti. Dan itenni li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti biex jivvalutaw l-istatus tad-diżabilità u joħorġu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, biex jiddeterminaw il-proċeduri għall-ħruġ tagħhom filwaqt li jiġu rrispettati l-elementi komuni previsti fl-Artikoli 6 u 7, u biex jiddeċiedu jekk jagħtux jew le benefiċċji speċjali jew kundizzjonijiet speċifiċi speċjali jew trattament preferenzjali għal persuni b'diżabilità u, fejn applikabbli, għal persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom. Jiċċara wkoll is-suġġett billi jeskludi l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali.

L-Artikolu 3 fih id-definizzjonijiet ewlenin.

L-Artikolu 4 jelenka l-benefiċjarji, filwaqt li l-Artikolu 5 jipprevedi aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għad-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi dawk rikonoxxuti bħala assistent(i) personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali.

L-Artikoli 6 u 7 jistabbilixxu l-format, il-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u għall-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità rispettivament. Dawn huma relatati mal-introduzzjoni u mal-validità tal-kards u jistabbilixxu l-formati rispettivi li huma inklużi fl-Annessi. Iż-żewġ artikoli jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Kards.

L-Artikolu 8 jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex jiġi speċifikat ulterjorament il-format tal-kards kif ukoll il-format ta' elementi diġitali futuri.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet rilevanti għas-sorveljanza, il-konformità u l-informazzjoni aċċessibbli fir-rigward tal-użu tal-kard, inkluż fil-każ ta' riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi.

L-Artikolu 10 jirrikjedi li l-Istati Membri jidentifikaw l-awtoritajiet kompetenti li se joħorġu l-kards.

L-Artikoli 11 u 12 jistabbilixxu r-regoli u l-proċeduri għall-eżerċizzju tad-delega mill-Kummissjoni u l-atti ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 6, 7 u 8.

L-Artikoli 13 u 14 huma relatati mal-infurzar u mal-penali, li jippermettu lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw persuni b'diżabilità u lil korpi pubbliċi oħra b'interessi leġittimi jieħdu wkoll azzjoni biex jiżguraw il-konformità mad-Direttiva. Il-penali għandhom ikunu akkumpanjati minn azzjoni ta' rimedju, peress li huwa importanti li jiġu rrimedjati l-problemi li wieħed jiltaqa' magħhom fl-użu tal-kards u li jittieħdu passi għal titjib futur.

L-Artikolu 15 fih miżuri ta' akkumpanjament għall-aċċess għall-informazzjoni u għas-sensibilizzazzjoni, inkluża l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni.

L-Artikolu 16 jirrigwarda r-rapportar u r-rieżami u l-obbligi għall-ewwel rapporti u rapporti sussegwenti dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva.

L-Artikolu 17 jistipula li r-rakkomandazzjoni attwali dwar il-Kard Ewropea għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità m'għandhiex tibqa' valida u ma tibqax tapplika.

L-Artikoli 18 u 19 jipprevedu t-traspożizzjoni u d-dħul fis-seħħ.

L-Annessi I u II jiddeskrivu rispettivament il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, u jistabbilixxu l-format u d-disinn tagħhom.

2023/0311 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) u 62, l-Artikolu 91 u l-Artikolu 21 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u fil- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").

(2) Fl-Artikolu 26 tal-Karta, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn miżuri maħsuba sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità.

(3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ.

(4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu.

---

[1] ĠU C , , p. .

[2] ĠU C , , p. .

(5) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)[3], u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha li huma parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sal-firxa tal-kompetenzi tagħha. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCRPD u huma marbuta minnha wkoll sal-firxa tal-kompetenzi tagħhom.

(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.

(7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017[4], jipprovdi li kulħadd, *inter alia* irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà (il-prinċipju 17).

(8) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] (l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà") għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi billi telimina u tipprevjeni l-ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibbiltà diverġenti fl-Istati Membri, b'hekk tikkontribwixxi għaż-żieda fid-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern, inkluż l-aċċess għal siti web u għal servizz ibbażat fuq apparat mobbli ta' ċerti servizzi pubbliċi[6], u li ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni jiggarantixxi wkoll id-drittijiet għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport u drittijiet oħra bħad-dritt li wieħed jirċievi l-assistenza mingħajr ħlas għall-passiġġieri b'diżabilità u b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġa bl-ajru[7], bil-ferrovija[8], bil-mezzi tat-trasport marittimi[9], jew bix-xarabank u bil-kowċ[10]. Id-dritt tal-Unjoni jippermetti wkoll lill-Istati Membri jipprevedu tariffi jew pedaġġi mnaqqsa tat-toroq/pontijiet/mini kif ukoll eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu tali tariffi jew imposti għall-utenti għal

---

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

4 Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

5 Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 70).

6 Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku għandha l-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà tas-siti web tal-korpi tas-settur pubbliku u tal-apps mobbli tagħhom.

7 Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 204, 26.7.2006. p. 1.

8 Ir-Regolament (UE) Nru 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

9 Ir-Regolament (UE) 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

10 Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

kwalunkwe vettura użata minn jew proprjetà ta' persuni b'diżabilità fir-rigward ta' toroq soġġetti għal tariffi fuq it-toroq[11].

(9) Il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tagħhom. Kull Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu għandhom proċedura ta' valutazzjoni tad-diżabilità li tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' applikant, huma joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tal-applikant.

(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.

(11) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.

(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew li iżuru, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk.

(13) F'dan il-każ, il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' persuni b'diżabilità li għandhom ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus tad-diżabilità tagħhom fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew iżuruh.

(14) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-istatus tad-diżabilità u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dan l-istatus jistgħu jkunu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, joħloq inċertezza għalihom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

(15) Flimkien ma' ostakli fiżiċi u oħrajn fl-aċċess kemm għall-ispazji pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, l-ispejjeż għoljin huma fattur ewlieni li jiskoraġġixxi lil ħafna persuni b'diżabilità milli jivvjaġġaw[12], minħabba li għandhom ħtiġijiet speċifiċi u jistgħu jirrikjedu wkoll persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi dawk rikonoxxuti bħala assistent(i) personali f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki

[11] Id-Direttiva (UE 1999/62/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2022/362 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi.

[12] Sejbiet mir-Rapport Finali bbażati fuq Stħarriġ immirat lejn l-OSĊ fil-livell tal-UE; Shaw u Coles, "Disability, holiday making and the tourism industry in the UK: a preliminary survey", 25(3) Tourism Management (2004) 397-403; Eugénia Lima Devile u Andreia Antunes Moura (2021), Travel by People With Physical Disabilities: Constraints and Influences in the Decision-Making Process.

nazzjonali, u dan jagħmel il-kostijiet tal-ivvjaġġar tagħhom ogħla minn dawk għall-persuni mingħajr diżabilità[13]. In-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità fi Stati Membri oħra jista' jillimita l-aċċess tagħhom għal kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess liberu jew tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali u dan għandu impatt fuq il-kostijiet, il-ħajja u l-għażliet tal-ivvjaġġar tagħhom.

(16) It-trattament preferenzjali (bħall-għajnuna personali, l-aċċess prijoritarju, eċċ.) offrut bi ħlas jew mingħajru jista' jkun importanti għall-persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jaċċessaw diversi servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet u biex ikunu jistgħu jesperjenzawhom aħjar. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent, fl-Istat Membru li huma jżuru jew jivvjaġġaw lejh, l-istatus ta' diżabilità tagħhom u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu dan l-istatus maħruġa fi Stati Membri oħra, il-persuni b'diżabilità jistgħu ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet speċjali jew mit-trattament preferenzjali offrut mill-operaturi privati jew mill-awtoritajiet pubbliċi f'dak l-Istat Membru lid-detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, ta' kard tad-diżabilità jew ta' kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ hemmhekk.

(17) Il-Proġett Pilota dwar il-Kard tad-Diżabilità tal-UE mniedi fl-2016 u li twettaq fi tmien Stat Membri wera b'mod ċar il-vantaġġi għall-persuni b'diżabilità fl-aċċess għas-servizzi fl-oqsma tal-kultura, id-divertiment, l-isport, u f'xi każijiet it-trasport, u fl-appoġġ tal-moviment transfruntier tagħhom fl-UE għal perjodu qasir[14]. Barra minn hekk, dan inkluda eżempji oħra ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet li joffru kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità.

(18) Abbażi tal-istatus tad-diżabilità tagħhom, il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw għal kard għall-parkeġġ mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għall-ħruġ ta' kard għall-parkeġġ għall-persuna b'diżabilità li tirrikonoxxi d-dritt għal ċerti kundizzjonijiet ta' parkeġġ u faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità. Kull Stat Membru għandu fis-seħħ proċedura ta' applikazzjoni, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, biex tinkiseb kard għall-parkeġġ minn persuna b'diżabilità (jew il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinunhom inklużi l-assistent(i) personali) u kriterji li jridu jiġu ssodisfati sabiex ikunu eliġibbli.

(19) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE[15] pprevediet mudell Ewropew ta' kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, li ffaċilita r-rikonoxximent tal-kard għall-parkeġġ madwar l-Istati Membri. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħha u l-inklużjoni ta' żidiet jew devjazzjonijiet speċifiċi nazzjonali mill-mudell irrakkomandat wasslu għal varjetà ta' kards differenti. Dan ifixkel ir-rikonoxximent transfruntier tal-kards madwar l-Istati Membri, u jxekkel l-aċċess ta' persuni b'diżabilità għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ ipprovduti u l-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' kard għall-parkeġġ fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, ir-

---

13 McKercher u Darcy (2018), Re-conceptualizing barriers to travel by people with disabilities, Tourism Management Perspectives, 59-66. [Aktar għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni?]

14 Ara wkoll ir-Rapport Finali tal-Istudju li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjoni pilota dwar il-Karta tad-Diżabilità tal-UE u l-benefiċċji assoċjati, ippubblikat f'Mejju 2021, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/4adbe538-0a02-11ec-b5d3-01aa75ed71a1/language-mt.

15 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-4 ta' Ġunju 1998 dwar kard għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (ĠU L 167, 12.6.1998, p. 25), kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43, 7.3.2008).

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' diġitalizzazzjoni li qegħdin isiru bħalissa. L-Istati Membri jesperjenzaw ukoll problemi ta' frodi u falsifikazzjoni tal-kards, peress li l-format normalment huwa pjuttost sempliċi u faċilment falsifikat u fil-prattika differenti f'kull Stat Membru, u dan jagħmilha diffiċli li jiġi vverifikat.

(20) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali relatati ma' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, fi Stati Membri oħra, l-ostakli u d-diffikultajiet li jifdal fl-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew fiż-żjara tiegħu minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom u ta' dokumenti formali li jirrikonoxxu dan l-istatus maħruġ fi Stati Membri oħra u d-drittijiet tal-parkeġġ jenħtieġ li jitneħħew.

(21) Għalhekk, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju minn persuni b'diżabilità, meta jivvjaġġaw lejn jew meta jżuru Stat Membru ieħor għal perjodu qasir, tad-drittijiet ta' aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali offruti mill-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi mingħajr diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fuq l-istess bażi bħall-persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-użu tat-trasport u li jinkiseb benefiċċju mill-kundizzjonijiet tal-parkeġġ u mill-faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq l-istess bażi bħal f'dak l-Istat Membru, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż mudell standardizzat komuni, għal Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus rikonoxxut tad-diżabilità u għal Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità.

(22) Ir-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jiffaċilita u jiggarantixxi lill-persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut fi Stat Membru, aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, kif ukoll aċċess għall-kundizzjonijiet tal-parkeġġ u faċilitajiet riżervati għall-persuni b'diżabilità, fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk previsti abbażi ta' ċertifikati nazzjonali, kards tad-diżabilità jew dokumenti formali oħra li jirrikonoxxu l-istatus tad-diżabilità u l-kards għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ospitanti.

(23) Minbarra l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ, is-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet koperti minn din id-Direttiva jikkonċernaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu, inklużi attivitajiet li ma jkunux ipprovduti b'remunerazzjoni, mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-operaturi privati, jew fuq bażi obbligatorja (abbażi ta' regoli nazzjonali/lokali jew obbligi legali) iżda ta' spiss ukoll fuq bażi volontarja (b'mod partikolari minn operaturi privati) f'varjetà ta' oqsma ta' politika, bħall-kultura, id-divertiment, it-turiżmu, l-isport, it-trasport pubbliku u privat, l-edukazzjoni.

(24) Eżempji ta' kundizzjonijiet speċjali jew ta' trattament preferenzjali jinkludu aċċess mingħajr ħlas, tariffi jew pedaġġi mnaqqsa tat-/pontijiet/mini, aċċess prijoritarju, siġġijiet dežinjati f'parks u żoni pubbliċi oħra, siġġijiet aċċessibbli f'avvenimenti kulturali jew pubbliċi, assistenza personali, annimali ta' assistenza, assistenza fil-bajjiet biex jinżlu fl-ilma, appoġġ (bħall-aċċess għall-braille, gwidi awdjo, interpretar bil-lingwa tas-sinjali), għotjiet ta' għajnuna jew assistenza, self ta' siġġu tar-roti, self ta' siġġu tar-roti li jżomm f'wiċċ l-ilma, il-ksib ta' informazzjoni turistika f'formati

aċċessibbli, l-użu ta' skuter għall-mobbiltà fit-toroq jew ta' siġġu tar-roti fil-korsiji għaċ-ċiklisti mingħajr ma jingħataw multa, eċċ. Il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ jinkludu parkeġġ estiż jew parkeġġ riżervat. Fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, minbarra l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali, l-annimali tal-għajnuna, l-assistenti personali jew persuni oħra li jakkumpanjaw jew li jgħinu lill-persuni b'diżabilità (jew b'mobbiltà mnaqqsa) jistgħu jivvjaġġaw mingħajr ħlas jew ipoġġu, fejn ikun prattiku, ħdejn il-persuna b'diżabilità.

(25) Il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fi Stat Membru għandu jiġi ddeterminat minn din id-Direttiva flimkien mal-proċeduri u l-kompetenzi applikabbli ta' dak l-Istat Membru għall-valutazzjoni u r-rikonoxximent tal-istatus tad-diżabilità u d-drittijiet tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

(26) Minbarra l-format fiżiku, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu kard diġitali meta l-format u l-ispeċifikazzjonijiet ikunu ġew stabbiliti permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, fuq proposta mill-Kummissjoni. Tali proposta jenħtieġ li tibni fuq l-esperjenza tal-ħidma fil-passat u li għaddejja fil-livell Ewropew dwar id-diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati u tad-dokumenti, bħaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità permezz tal-Wallets tal-Identità Diġitali tal-UE[16]. Il-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jingħataw l-għażla li jużaw jew dik diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

(27) Il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, inkluż b'mod partikolari d-data dwar l-istatus ta' diżabilità tad-detentur tal-kard, li tikkostitwixxi "data dwar is-saħħa" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(15) tar-Regolament (UE) 2016/679[17] u hija kategorija speċjali ta' *data* personali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament. Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali fil-kuntest ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679. Meta jittrasponu din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tinkludi salvagwardji xierqa applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali, b'mod partikolari kategoriji speċjali ta' *data* personali. L-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw ukoll is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-*data* miġbura u maħżuna għall-fini ta' din id-Direttiva.

(28) L-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkun dak fejn il-persuna hija abitwalment residenti skont it-tifsira tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u

16 COM(2021) 281final

17 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

18 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1)

tal-Kunsill[19] u rċeviet il-valutazzjoni tal-istatus ta' diżabilità tiegħu. Id-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-kards matul iż-żjara tagħhom fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

(29) Sabiex jiġi garantit li l-ħaddiema b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom għal moviment liberu bis-sħiħ u jgawdu wkoll servizzi, attivitajiet u faċilitajiet offruti mill-Istati Membri, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu disponibbli wkoll għall-ħaddiema li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor għal skopijiet relatati max-xogħol.

(30) Il-qafas previst għar-rikonoxximent reċiproku tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ma jaffettwax il-kompetenzi ta' Stat Membru li jivvaluta u li jirrikonoxxi l-istatus tad-diżabilità u jagħti kundizzjonijiet speċjali, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità u/jew persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali. Dan ma jkoprix il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, il-protezzjoni soċjali jew l-assistenza soċjali koperti mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

(31) Sabiex titqajjem kuxjenza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kundizzjonijiet speċjali jew għal trattament preferenzjali, waqt l-ivvjaġġar lejn Stat Membru ieħor jew waqt żjara fih, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattiki, u l-proċeduri applikabbli biex tinkiseb il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u/jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-użu sussegwenti tagħha jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku f'dokument ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. L-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali lil persuni b'diżabilità jenħtieġ li jagħmlu tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

(32) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi meta joħorġu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni ta' dawn il-kards.

(33) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tissupplimenta d-Direttiva biex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, u biex jiġu emendati l-Annessi I u l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-

---

19 Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

20 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

(34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi komuni li jispeċifikaw ulterjorament il-formati rispettivi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, il-karatteristiċi tas-sigurtà u diġitali rispettivi tagħhom, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21].

(35) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u għalhekk jenħtieġ li jistabbilixxu rimedji xierqa, inklużi kontrolli dwar il-konformità u l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji, biex jiggarantixxu li l-persuni b'diżabilità, il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali, kif ukoll il-korpi pubbliċi jew l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu jkunu jistgħu jieħdu azzjoni f'isem persuna b'diżabilità skont id-dritt nazzjonali.

(36) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa u jipprevedu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva u li huma relatati mad-drittijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Tali penali jistgħu jinkludu sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji, bħal multi jew il-ħlas ta' kumpens, kif ukoll tipi oħra ta' penali.

(37) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità biex jibbenefikaw minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikolu 26 tal-Karta.

(38) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jittejbu l-possibbiltajiet għall-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stati Membri oħra, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Din id-Direttiva tistabbilixxi:

(a) ir-regoli li jirregolaw il-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità bħala prova, rispettivament, ta' status ta' diżabilità jew ta' dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati s-soġġorni qosra ta' persuni b'diżabilità fi Stat Membru għajr dak li tiegħu huma residenti, billi jingħataw aċċess għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti bi ħlas, jew il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ offruti lil persuni b'diżabilità jew lil persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali tagħhom, jew riżervati għalihom;

(b) mudelli komuni għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Artikolu 2

Ambitu

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ u għas-sitwazzjonijiet kollha fejn jiġu offruti kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi lil persuni b'diżabilità fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet li ġejjin:

   – servizzi skont it-tifsira tal-Artikolu 57 TFUE,

   – servizzi tat-trasport tal-passiġġieri,

   – attivitajiet u faċilitajiet oħra, inkluż fejn ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal:

   (a) benefiċċji fil-qasam tas-sigurtà soċjali skont ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009;

   (b) benefiċċji speċjali kontributorji jew mhux kontributorji fi flus kontanti jew beneifiċċji *in natura* fil-qasam tas-sigurtà soċjali, tal-protezzjoni soċjali jew tal-impjieg;

   (c) assistenza soċjali koperta mill-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE.

3. Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni u r-rikonoxximent tal-istatus tad-diżabilità, jew għall-għoti tad-dritt għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità. Ma taffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li joħorġu wkoll fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità.

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-kompetenzi nazzjonali li jingħataw jew li jkunu meħtieġa li jingħataw benefiċċji speċjali jew kundizzjonijiet preferenzjali speċifiċi, bħal aċċess mingħajr ħlas, tariffi mnaqqsa, jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità u, fejn previst, għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali tagħhom.

5. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet li l-persuni b'diżabilità jew il-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-

assistent(i) personali tagħhom, jistgħu jirriżultaw minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li timplimenta l-liġi tal-Unjoni, inklużi dawk li jagħtu benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali, jew trattament preferenzjali.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ċittadin tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru;

(b) "membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni" tfisser membru tal-familja, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tiegħu, ta' ċittadin tal-Unjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu skont ir-regoli tal-Unjoni;

(c) "persuni b'diżabbiltà" tfisser persuni li jkollhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li, meta jinteraġixxi ma' diversi ostakli, jista' jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq l-istess livell ma' ħaddieħor;

(d) "assistent personali" huwa persuna li takkumpanja jew li tgħin lil persuni b'diżabilità li hija rikonoxxuta f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew prattiki nazzjonali bħala tali;

(e) "kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali" tfisser kundizzjonijiet speċifiċi, inklużi dawk relatati mal-kundizzjonijiet finanzjarji, jew trattament differenzjat relatat mal-assistenza u l-appoġġ bħall-aċċess mingħajr ħlas, it-tariffi mnaqqsa, u l-aċċess prijoritarju, offruti lill-persuni b'diżabilità u/jew, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali tal-għajnuna rikonoxxuti f'konformità mal-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali bħala tali, irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali;

(f) "kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ" tfisser kwalunkwe spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali kif ukoll benefiċċji assoċjati ta' parkeġġ għal, jew kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija lil, persuni b'diżabilità, bħal parkeġġ bla ħlas, tariffi mnaqqsa, miżati jew imposti tal-utenti mnaqqsa għal toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet jew spazji ta' parkeġġ estiżi irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali.

Artikolu 4

Benefiċjarji

Din id-Direttiva għandha tapplika għal:

(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali(i),

(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ikunu rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali(i).

Artikolu 5

Aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali u għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ maħruġa f'dak l-Istat Membru.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva jew fi dritt ieħor tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li:

   (a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;

   (b) meta l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna(i) li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

KAPITOLU II

IL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ U L-KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Artikolu 6

Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar *data* personali mid-*data* prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.

2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-*data* miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' *data* personali. Il-kooperazzjoni mal-forniturі tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-*data* personali.

4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.

5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

Artikolu 7

Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness II jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar *data* personali mid-*data* prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness II.

2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-*data* personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' *data* personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-*data* personali.

4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità[22] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [*id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*].

6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

---

[22] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43,7.3.2008).

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali, u li temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 8

Speċifikazzjonijiet tekniċi komuni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex tispeċifika ulterjorament il-formati tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, is-sigurtà u l-karatteristiċi diġitali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rispettivi tagħhom inkluż il-format speċifiku tagħhom u, id-data li tinsab fihom, inklużi l-miżuri tas-sigurtà xierqa għad-data personali, kif ukoll kwistjonijiet ta' interoperabbiltà, bħal applikazzjonijiet komuni tal-UE għall-qari tad-data li tinsab fil-karatteristiċi diġitali fil-kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi, kif ukoll għad-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezz ta' ħżin tal-kards diġitali, għal kwistjonijiet bħall-verifika tal-validità tal-kards u n-numru tagħhom, għall-kontroll tal-awtenticità tagħhom, għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni u l-frodi, għall-qari tal-kard/s bejn l-Istati Membri, għall-użu tagħhom fil-Portafoll tal-Identità Diġitali tal-UE kif ukoll għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità għal kwalunkwe data fil-kards.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Artikolu 9

Is-sorveljanza, il-konformità, l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jirritornaw il-kards tagħhom lill-awtorità kompetenti ladarba l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu nħarġu ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.

6. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli dwar il-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u mad-drittijiet korrispondenti tal-persuni b'diżabilità li jkollhom dawk il-kards u l-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali tagħhom.

7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Artikolu 10

Awtoritajiet kompetenti

Sa jj/xx/ss [*fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti maħtura biex joħorġu, iġeddu u jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

KAPITOLU IV

SETGĦAT DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 11

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(7) u fl-Artikolu 7(7) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [*data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(7) u l-Artikolu 7(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 7(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw.. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' [xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

   (a) dispożizzjonijiet li bihom il-persuni b'diżabilità jistgħu jieħdu azzjoni skont id-dritt nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva u skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva;

   (b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

Artikolu 14

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawn ikunu implementati.

2. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jridu jkunu akkumpanjati minn azzjoni ta' rimedju effettiva.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss *[id-data tat-traspożizzjoni]* u mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti għalihom.

Artikolu 15

Aċċess għall-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.

2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-forniturituras-servizzi, tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Artikolu 16

Rapportar u rieżami

1. Sa jj/xx/ss [*tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva*], u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Ir-rapport għandu jindirizza, *inter alia,* fid-dawl tal-iżviluppi soċjali u ekonomiċi, l-użu tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità bil-għan li tiġi vvalutata l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi rieżaminata.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha u fi żmien xieraq, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tfassal rapport bħal dan.

4. Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu l-fehmiet tal-persuni b'diżabilità, tal-partijiet ekonomiċi kkonċernati u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilità.

Artikolu 17

Obsolexxenza tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE għandha ssir obsoleta b'effett minn jj/xx/ss *[id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva]* u ma għandhiex tibqa' tiġi applikata minn dik id-data.

Artikolu 18

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa jj/xx/ss *18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

2. Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn jj/xx/ss [*30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

Artikolu 19

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Werrej

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA 1
- Raġunijiet u objettivi tal-proposta 1
- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika 4
- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni 6

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ 7
- Bażi ġuridika 7
- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva) 7
- Proporzjonalità 8
- Għażla tal-istrument 8

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT 9
- Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati 9
- Valutazzjoni tal-impatt 9
- Drittijiet fundamentali 11

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI 12

5. ELEMENTI OĦRA 12
- Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar 12
- Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi) 12
- Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta 12

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': 3

1.4. Objettiv(i) 3

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali 3

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 4

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 5

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 6

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 6

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva 7

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 7

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 9

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 9

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 9

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 9

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 9

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 9

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 11

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 11

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali 14

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 15

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 1

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 1

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà

L-aċċess għas-servizzi, għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, għall-attivitajiet u għall-faċilitajiet tal-persuni b'diżabilità

Il-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[59]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☒ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li tiffaċilita l-moviment liberu tad-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u/jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ meta jżuru jew jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor permezz tar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità tagħhom u tagħti aċċess għas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet jew il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità fl-UE fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lill-persuni b'diżabilità f'dak l-Istat Membru.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku 1: Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi lid-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità b'aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali fl-Istat Membru li jżuru jew li jivvjaġġaw lejh għal kwalunkwe kundizzjoni preferenzjali speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet offruti lil persuni b'diżabilità.

Objettiv speċifiku 2: Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi lid-detenturi tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità b'aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali fl-Istat Membru li jżuru jew li jivvjaġġaw lejh għal kwalunkwe kundizzjoni u faċilità tal-parkeġġ offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità.

[59] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Żieda fl-għadd ta' persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew trattament preferenzjali offrut lil persuni b'diżabilità fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet meta jkunu qed iżuru jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra;

Żieda fl-għadd ta' persuni b'diżabilità li jibbenefikaw minn kwalunkwe kundizzjoni u faċilità ta' parkeġġ offruti lil persuni b'diżabilità jew riżervati għalihom meta jkunu qed iżuru jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra;

Żieda fl-għadd ta' persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stati Membri oħra

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-għadd ta' Stati Membri li ttrasponew id-Direttiva sal-lum

L-għadd ta' Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri

L-għadd ta' Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Ir-rekwiżit ewlieni li jrid jiġi ssodisfat fuq terminu qasir huwa li jintlaħaq ftehim dwar il-proposta leġiżlattiva mill-koleġiżlaturi, matul l-2024. Il-proposta fiha [skadenza ta' 18-il xahar] għat-traspożizzjoni tal-att legali adottat mill-Istati Membri.

Il-proposta tipprevedi wkoll l-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa u ġġustifikata biex tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità biex jaċċessaw kundizzjonijiet speċjali u/jew trattament preferenzjali għas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ madwar l-Istati Membri kollha fuq bażi ugwali mar-residenti tal-pajjiż li jkunu qed iżuru, u, billi tagħmel dan, ittejjeb il-funzjonament tas-suq uniku għas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet fil-livell tal-UE.

Il-problema identifikata għandha dimensjoni transfruntiera li ma tistax tiġi solvuta mill-Istati Membri waħedhom. Mill-introduzzjoni tal-kard tal-UE għall-parkeġġ fl-

1998, l-Istati Membri inkludew żidiet jew devjazzjonijiet speċifiċi nazzjonali mill-mudell tal-kard tal-UE għall-parkeġġ, li wasslu għal varjetà ta' kards madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri esperjenzaw problemi bi frodi u b'falsifikazzjoni tal-kards. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aġġornata biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u ta' diġitalizzazzjoni li qegħdin isiru bħalissa.

Filwaqt li l-proġett pilota tal-Kard tad-Diżabilità tal-UE ħadem fost it-8 Stati Membri parteċipanti, ma kellux dimensjoni usa' mal-UE kollha, u b'hekk ħoloq inċertezza sinifikanti u trattament mhux ugwali tal-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn u jżuru Stati Membri differenti. Peress li l-kard tal-proġett pilota u l-mudell tagħha huma volontarji, l-istess problemi ta' diverġenza bħal fil-każ tal-kard għall-parkeġġ x'aktarx li jiżviluppaw maż-żmien.

Il-ħtieġa ta' azzjoni tal-UE hija direttament marbuta man-natura transfruntiera tal-ivvjaġġar u l-isfidi relatati li jiffaċċjaw il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw fl-UE, għalhekk il-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ ikkoordinat adegwat fost l-Istati Membri fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-kundizzjonijiet preferenzjali offruti mis-servizzi fuq bażi ugwali għar-residenti f'pajjiżhom. Bħala tali, jekk l-UE ma tintervjenix, id-differenzi kurrenti fil-kards nazzjonali tad-diżabilità se jiżdiedu, u b'hekk it-trattament differenti ta' persuni b'diżabilità madwar l-Istati Membri u l-inċertezza inerenti (inkluża l-inċertezza legali) jibqgħu, b'effetti negattivi fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

L-azzjoni tal-UE żżid il-valur billi tintroduċi strument rikonoxxut b'mod reċiproku (il-Kard Ewropea tad-Diżabilità), tiffaċilita l-moviment liberu għall-persuni b'diżabilità fl-UE u t-trattament ugwali tagħhom meta jaċċessaw servizzi, attivitajiet u faċilitajiet meta mqabbla ma' residenti b'diżabilità madwar l-Istati Membri. L-istudju ta' evalwazzjoni dwar il-Kard tad-Diżabilità tal-UE pilota dwar id-diżabilità wera li fit-tmien Stati Membri li jipparteċipaw fil-proġett, l-azzjoni tal-UE ppermettiet ir-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità li ma kienx jintlaħaq mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. F'dan id-dawl, l-intervent tal-Kummissjoni Ewropea kkontribwixxa għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010–2020.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tibni fuq żewġ strumenti diġà fis-seħħ: il-kard għall-parkeġġ tal-UE u l-Kard tad-Diżabilità tal-UE pilota. Il-**kard għall-parkeġġ tal-UE għall-persuni b'diżabilità** nħolqot bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376/KE u ġiet emendata fl-2008. Din tipprevedi mudell standardizzat tal-kard għall-parkeġġ tal-UE bil-għan li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tagħha madwar l-Istati Membri, u b'hekk jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità bil-karozza. Minkejja r-rwol pożittiv tagħha, l-utenti qed jiffaċċjaw diffikultajiet fl-użu tal-kard għall-parkeġġ tal-UE. Mill-2018 sal-2022, ġew sottomessi madwar 260 mistoqsija dwar il-kard għall-parkeġġ tal-UE fuq il-pjattaforma SOLVIT. Ilmenti bħal dawn qiesu prinċipalment inċertezzi fir-rigward tad-drittijiet mogħtija mill-kard lill-persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra (madwar 30 % tal-każijiet), ir-rikonoxximent reċiproku tal-kards għall-parkeġġ nazzjonali, maħruġa abbażi tal-mudell tal-UE (madwar 25 % tal-każijiet), kif ukoll il-ġustifikazzjoni għall-multi riċevuti anke meta tintwera l-kard għall-parkeġġ tal-UE (madwar 12 % tal-każijiet).

Il-proġett pilota tal-**Kard tad-Diżabilità tal-UE**, ittestjat wara r-Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, twettaq fi tmien Stati Membri (il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja) fl-2016–2018 u baqa' fis-seħħ wara t-tmiem tal-proġett. Il-proġett pilota jipprovdi format komuni għal kard għar-rikonoxximent reċiproku volontarju fost l-Istati Membri parteċipanti tal-istatus ta' diżabilità, kif stabbilit f'konformità mal-kriterji jew mar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà, għall-aċċess għall-benefiċċji u s-servizzi fl-oqsma tal-kultura, tad-divertiment, tal-isport u, f'xi pajjiżi, tat-trasport. F'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni, ir-rikonoxximent tal-kards u ċ-ċertifikati nazzjonali tad-diżabilità tagħhom se jibqa' volontarju u limitat fir-rigward tal-kundizzjonijiet preferenzjali meta jiġu aċċessati s-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-proposta hija kompatibbli mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mal-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Hija kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta leġiżlattiva tirrikjedi l-organizzazzjoni ta' laqgħat mal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni tagħha, kif ukoll laqgħat mal-Istati Membri dwar l-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. In-nefqa meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-laqgħat, jiġifieri il-kostijiet tal-ivvjaġġar tad-delegati, hija koperta mill-Fond Soċjali Ewropew Plus – il-fergħa EaSI (ġestjoni diretta).

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

X **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2023 sal-2027,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[60]

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-impatt baġitarju tal-proposta huwa limitat u jista' jkun kopert bis-sħiħ mir-riżorsi diġà disponibbli fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027, kemm għall-persunal kif ukoll għall-krediti, peress li ġew identifikati opportunitajiet ta' riallokazzjoni.

Wara l-2027, huwa mistenni wkoll impatt limitat ħafna, li jitqies meta jiġi elaborat il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.

[60] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Mhux aktar tard minn [*3 snin wara d-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva*], u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-ġestjoni diretta, skont l-Artik olu 62.1(a) tar-Regolament Finanzjarju, hija l-modalità preferibbli peress li l-azzjonijiet se jiġu implimentati mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari mid-DĠ EMPL, li se jiżgura l-koordinazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati differenti.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Il-kontrolli huma parti mis-sistema ta' kontroll intern tad-DĠ EMPL. Dawn l-attivitajiet il-ġodda se jkunu koperti mill-istess approċċ għall-identifikazzjoni tar-riskji u għall-mitigazzjoni tagħhom.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Il-kontrolli huma parti mis-sistema ta' kontroll intern tad-DĠ EMPL. Dawn l-attivitajiet ġodda se jiġġeneraw kostijiet addizzjonali mhux sinifikanti ta' kontroll fil-livell tad-DĠ.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa skorrettament u, jekk jiġu individwati l-irregolaritajiet, b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-Kummissjoni hija awtorizzata twettaq spezzjonijiet u verifiki *in situ* skont id-Deċiżjoni, b'mod konformi mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħrajn. Jekk ikun meħtieġ, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet mill-Uffiċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u dawn għandhom ikunu regolati mir-Regolament (KE) 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 2b	Diff./mhux diff[61].	mill-pajjiżi tal-EFTA[62]	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali[63]	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	07 02 04 00 – Fergħa tal-EaSI tal-ESF+	Diff.	IVA/	IVA	IVA	LE

61 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

62 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

63 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	2b

DĠ: EMPL			Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**				**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali											
Linja baġitarja[64] 07 02 04 00	Impenji	(1a)			0,560	0,060					**0,620**
	Pagamenti	(2a)			0,060	0,310	0,250				**0,620**
Linja baġitarja	Impenji	(1b)									
	Pagamenti	(2b)									
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[65]											
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ EMPL	Impenji	=1a+1b +3			0,560	0,060					**0,620**
	Pagamenti	=2a+2b +3			0,060	0,310	0,250				**0,620**

64 Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

65 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)									
	Pagamenti	(5)									
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)									
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2b tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6			0,560	0,060					**0,620**
	Pagamenti	=5+ 6			0,060	0,310	0,250				**0,620**

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)									
	Pagamenti	(5)									
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)									
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6			0,560	0,060					**0,620**
	Pagamenti	=5+ 6			0,060	0,310	0,250				**0,620**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela billi tintuża d-"*data* bażitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl- Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-bażit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2023**	Sena **2024**	**2025**	**2026**	**2027**			**TOTAL**
DĠ: EMPL									
• Riżorsi umani		0,342	0,342	0,342	0,342	0,342			**1,710**
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL TAD-DĠ EMPL	Approprjazzjonijiet	0,342	0,342	0,342	0,342	0,342			**1,710**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0,342	0,342	0,342	0,342	0,342			**1,710**

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**				**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,342	0,342	0,902	0,402	0,342				**2,330**
	Pagamenti	0,342	0,342	0,402	0,652	0,592				**2,330**

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena **2023**		Sena **2024**		Sena **2025**		Sena **2026**		Sena **2027**								**TOTAL**	
			OUTPUTS																	
⇩	Tip[66]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIVI SPEĊIFIĊI Nru 1 u Nru 2[67]																				
- Output	Laqgħat mal-Istati Membri						4	0,060	4	0,060									8	0,120
- Output	Verifika tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni								1	0,250	1	0,250							2	0,500
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																				
TOTALI							4	0,060	5	0,310	1	0,250							10	0,620

66 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

67 L-attivitajiet ippjanati se jappoġġaw l-ilħuq taż-żewġ objettivi speċifiċi.

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2023	2024	2025	2026	2027			**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0,342	0,342	0,342	0,342	0,342			**1,710**
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,342	0,342	0,342	0,342	0,342			**1,710**

Barra mill-INTESTATURA 7[68] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli			mhux applikabbli

TOTAL	0,342	0,342	0,342	0,342	0,342			**1,710**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

68 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

		2023	2024	2025	2026	2027		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		2	2	2	2	2		
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)								
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)								
01 01 01 11 (Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)[69]								
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")								
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 xx **yy zz** [70]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)								
01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)								
Linji baġitarji oħra (speċifika)								
TOTAL		**2**	**2**	**2**	**2**	**2**		

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	2 AD se jappoġġaw in-negozjati fil-proċess tal-adozzjoni, jorganizzaw il-laqgħat mal-Istati Membri u jipproduċi atti leġiżlattivi ta' implimentazzjoni u delegati kif meħtieġ.
Persunal estern	

69 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

70 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

– X tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

L-approprjazzjonijiet meħtieġa jistgħu jiġu pprogrammati taħt il-linja ta' ġestjoni diretta tal-FSE+ għall-2025–2027.

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– X tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2025	2026	2027					Total
Pajjiżi tal-EEA	p.m.	p.m.	p.m.					p.m.
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	p.m.	p.m.	p.m.					p.m.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[71]						
		Sena **L**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[71] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.